MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 7/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Kenneth Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kenneth Camilleri ta' 20 sena iben Victor u Gloria Angela nee Roberts, imwieled il-Pieta' fil-5 ta' Ġunju 1982 u residenti Cor Unum Triq G Sandys Naxxar u detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 318482 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejejr fit-18 ta' Marzu 2002 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-

regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement amendat u l-A rtikolu 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat (3184 tal-1982), l-istqarrija tal-imputat (fol.3), il-fedina penali tiegħu, (fol 5), iż-żewġ ordinijiet tal-Avukat Ġenerali (fol6 u 7), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel analiżi (fol.32) (10 ta' Mejju 2005), u r-relazzjoni tal-istess espert a fol.40.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

6. Is-Supretendent Neil Harrison xehed dwar dawn il-fatti. Fit-18 ta' Marzu 2002 keinet qed issir party ġewwa Ħal-Far. Waqt road block fit-triq li tagħti għal Ħal-Far is-suldati osservaw Daihatsu bin-numru AAG 696 qed tersaq lejn ir-road block. Il-Bombardier Borg u l-guner Borg osservaw lill-passiġġier, li wara rriżulta li kien l-imputat, jarmi tmien pilloli tal-ecstasy u żewġ biċċiet raża tal-cannabis imdawra ġo basket tal-plastic.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

7. Fl-istqarrija tiegħu tad-19 ta’ Marzu 2002 (2.35 pm), l-imputat stqarr li hu kien fuq quddiem bħala passiġġier. Kienu hu u Jurgen Borg li kien qed isuq. Huma waqfu meta s-suldati qalulhom biex jieqfu. Is-suldat urewh borża b’xi affarjiet fiha u qalulu li kienet intremiet mill-karozza. Huwa nnegsa li kien ramihom hu. Huwa qal li ġieli kien pejjip il-ħaxixa u ġieli ħa l-ecstasy. Lilu kienu sabulu tliet ecstasy fil-party Tribu. Kien pejjep il-blokka ħmistax qabel (fol.4). Imbagħad l-imputat indika minn fejn kien iġib il-blokka.

**Xhieda Prosekuzzjoni**

8. Xehed Gunner Christopher Borg (fol 16 et) li qal lli x-xogħol tiegħu kien li joqħgod xi ħmistax-il metru qabel ir-road block sabiex jara jekk tintremiex xi ħaġa. Huwa quddiemu eżatt, **forsi xi żewġ metri ‘l bogħod**, ra lill-imputat joħroġ nofs ‘l barra minn ġot-tieqa tal-akrozza u rama l-affarijiet. (Fol.17). L-imputat kien qiegħed bil-qegħda fil-passneger seat in-naħa ta’ quddiem. L-affarijiet kienu ntremew in-naħa tal-passiġġier u x-xhud kien fqu in-naħa tiegħu. L-affarijiet li refa’ x-xhud ingħataw lill-fizzjal. Huwa kein refa’ l-affarijiet dak il-ħin stess għax ma kienx aktar minn żew metri ‘l bogħod. (Fol 18). Huwa għaraf lill-imputat fl-Awla.

9. Xehed il-Lance Bombardier Martin Borg (fol.21) li qal li kien qiegħed xi ħames jew għaxar metri bogħod mir-rod block. Għaddiet karozza AAG 696 u kien ra lill-passiġġier ta’ quddiem joħroġ minn ġot-tieqa u jarmi borża tal-plastik. Imbagħad Chrisopher Borg ġabar il-borża.

10. Xehed PS 536 Jason Caruana li qal li kien ħa hand over min għand is-suldati.

11. L-Ispettur Dennis Theuma ippreżenta l-esibit li kien inġabar mill-AFM fit-18 ta’ Marzu 2002 għall-ħabta tal-10.30pm.

12. Xehed l-ispiżjar Mario Mifsud(fol.38). Huwa kkonkluda li fl-esibit kien hem tmien pilloli ecstasy (sustanza MDMA)

waqt li fiż-żewġ blokki żgħar kien hemm 1.728 grammi li kien fihom is-sustanza THC.

**Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-21 ta' Novembru 2005.**

**Xhieda Difiża**

13. Għad-difiża xehed Jurgen Borg li qal li kien fil-karozza mal-imputat. Huma kien sejrin lejn Ħal-Far meta twaqqfu mill-AFM. Ix-xhud għażel li ma jweġibx ċerta mistoqsijiet. Meta kien mistoqsi jekk saritx tfittxija fil-karozza, huwa qal li kien hemm ħafna konfużjoni (fol 48) Kien twaqqfu diveersi karozzi (fol 48). Kienu l-ewwel ħarġu lill-imputat mill-karozza u mbagħad ħarġu lix-xhud innifsu. Ix-xhud li l-karozza kien qed isuqha hu u li l-imputat kien passiġġier miegħu. Huwa qal li ma kienx raw lill-imputat jarmi l-affarijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

14. L-ewwelnett m'hemmx dubju li l-imputat kien riekeb bħala passiġġier. Dan ikkonfermah hu stess fl-istatement, xehed l-istess Jurgen Borg u għarfu Gunner Christopher Borg.

15. L-imputat stqarr li ma kienx waddab l-affarijiet hu iżda li fiż-żmien ta' qabel kien instab bi tliet ecstasy.

16. Id-difiża ssottomettiet li biex wieħed joħroġ daqshekk 'il barra jrid ikun qed jistira ruħu u jiġġebbed. Dan m'għandux għalfejn jagħmlu l-passiġġier.

Ikkonsidrat

17. Li barra li m'hemmx dubju li l-imputat kien fil-passenger seat min-naħa ta' quddiem, lanqas m'hemm dubju li dawn intefgħu min-naħa tiegħu kif xehdu kemm Gunner Christopher Borg kif ukoll Lance Bombardier Martin Borg.

18. Il-Qorti toqgħod fuq il-verżjoni ta’ Gunner Christopher Borg li ra lill-imputat joħroġ nofs barra (ara fol.17) u kien biss żewġ metri ‘l bogħod minnu. Il-Qorti m’għandha ebda dubju li kien l-imputat li rema dawn l-affarijiet u li ma kienx x-xufier li kien qed isuq għaliex ix-xhieda okulari ta’ Gunner Christopher Borg hija konvinċenti ferm filwaqt li meta Jurgen Borg xehed li ma rax lill-imputat jarmi l-affarijiet ma kien konvinċenti xejn. Oltre dan, l-impujtat huwa bniedem twil ħafna – kif setgħet tara l-Qorti b’għajnejha stess – u għalhekk faċilissimu li huwa u jarmi l-affarijiet jorħoġ biċċa sew mill-istruttura tiegħu barra t-tieqa. Dan l-istess tixrif barra t-tieqa għamilha aktar ħafifa għal Gunner Borg biex jagħraf lill-imputat. U li kieku kien ix-xufier, dan ma kienx ikun jista’ jixref barra t-tieqa għax, jiġġebbed kemm jiġġebbed, ix-xufier qiegħed fuq is-seat l-ieħor. Konsegwentement id-distanza mit-tieqa tal-passiġġier titwal u għalhekk il-parti l-kbira tal-istruttura tax-xufier tibqa’ n-naħa ta’ ġewwa tal-karozza. Ix-xufier l-aktar li seta’ jagħmel kien li jtawwal idejh speċjalment jekk kien bis-seat belt kif suppost ikun.

19. Il-Qorti lanqas m’hi qed taċċetta li għax kien il-lejl, allura kien hemm nuqqas ta’ dawl u allura jista’ jkun hemm xi dubju dwar jekk l-imputat ingħarafx sew. Mhux biss is-suldati huma ttrenjati għalhekk u jgħaddu minn eżami tal-vista, iżda Gunner Borg kien qrib wisq tal-imputat biex ma jagħrfux.

**20. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li kien l-imputat li rema t-tmien pilloli ecstasy u ż-żewġ biċċiet tal-cannabis.**

21. Il-Qorti qed tqis ukoll li tmien pilloli ecstasy huma ħafna. L-imputat nstab bihom **barra u hu stqarr li l-aħħar li kien ħa l-ecstasy kien f’party li sar is-sena ta’ qabel.**

**22. Il-Mistoqsija tiġi weħidha: mela x’kien qed jagħmel l-imputat idur barra bi tmien (8) ecstasy (u b’żewġ biċċiet cannabis) f’idejh meta kien sejjer party?**

**Wieħed li jkun ilu sena ma jieħu ecstasy,[1] u li meta kien ħa nstabu tliet ecstasy fuqu, kif issa għandu 8 ecstasy? Il-Qorti tirreferi għall-każ ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn wieħed instab ħati ta' pussess aggravat meta kellu 12-il ecstasy waqt party.**

**23.** B'danakollu l-Qorti, war wiżnet kollox, għad għandha dak 'il-lurking doubt' dwar il-pussess aggravat u għalhekk qed issib l-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni fil-livell ta' pussess ta' ecstasy, liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

24. It-tieni imputazzjoni hija wkoll soddisfaċentement ippruvata kemm minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija kif ukoll mill-fatt li huwa rema l-cannabis mit-tieqa. Għaldaqstant qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni wkoll.

**Konklużjoni**

25. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll la-rtikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 qed issib lill-imputat ħati kif ġej:[2]

(a) Mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok ta' pussess sempliċi liema reat huwa kompriż u involut f'din l-imputazzjoni;
(b) ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontrih.

26. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat kellu f'idejh kemm l-ecstasy kif ukoll il-cannabis u li kellu tmien ecstasy waqt li kien sejjer lejn party. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €1400 liema

---

[1] Fl-istqarrija l-imputat qal: 'Minn dakinnar ma erġajt ħadt ecstasy.'

[2] Il-Qorti mhix qed tagħmel referenza għall-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 għaliex, kif intqal tajjeb mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Michael Borg' (Imħallef Dr.David Scicluna) din ir-referenza m'hemxm aktar bżonnha għax kienet sorpassata bl-emendi li saru.

multa tista’ titħallas b’rati ta’ €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

27. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert imqababd mill-Qorti li jammontaw għal €362.82 (Lm155.76) li għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum.

28. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------